MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2291/2002

**International Automobiles Limited**
**vs**

**Mark Tanti**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Settembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u sitta u tmenin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm986.45) dovuti skond sitt (6) kambjali li gew ffirmati minnu u li skadew fit-23 t'April, 2002, fit-23 ta' Mejju, 2002, fit-23 ta' Gunju, 2002, fit-23 ta' Lulju, 2002, u fit-23 t'Awissu, 2002, izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gie diversi drabi interpellat, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru, 2002, u ta' Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut u bl-**

**imghax kontra l-istess konvenut mid-data ta' kull skadenza, u li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Louis Bianchi ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u sitta u tmenin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm986.45) bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta' kull kambjala fuq imsemmija.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru, 2002, u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment kontra l-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**